# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Lulju, 2015**

**Talba Nru: 384/2014/VG**

**Burmarrad Commercials Limited [C-3442]**

**Vs**

**John PRESSGROVE**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-12 ta' Gunju, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' tmien mija u erbgha u hamsin euro u sitta u sebghin centezmi ta' euro [€854.76c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Dan it-tribunal qieghed jigi mitlub jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tmien mija u erbgha u hamsin euro u sitta u sebghin centezmu (€854.76), VAT inkluz, rapprezentanti din is-somma bilanc dovut mill-prezz ghall-kiri lilu tal-vetturi Isuzu Elf (EBP474), Nissan Atlas (CBR195) u Toyota Vitz (CBJ778) mis-socjeta attrici.

> Minkejja illi gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont hekk dovut minnu, huwa baqa inadempjenti; ghaldaqstant kellha ssir din it-talba.
>
> Bl-ispejjez kollha, u bl-imghax fuq l-ammont dovut mid-data 'lli tali ammont sar hekk dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra konvenut illi jinsab minn issa ngunt ghas-subizzjoni"

Ra li l-intimat gie debitament notifikat skond il-ligi bil-procedura tal-affissjoni u publikazzjoni u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal nhar l-24 ta' Gunju, 2015 u tal-lum.

Ra li Noel Gauci kkonferma li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li Dr. Keith Grech ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' tmien mija u erbgha u hamsin euro u sitta u sebghin centezmi ta' euro [€854.76c] rapprezentanti bilanc dovut mill-prezz ghall-

kiri lilu tal-vetturi Isuzu Elf (EBP474), Nissan Atlas (CBR195) u Toyota Vitz (CBJ778) mis-socjeta rikorrenti.

Ikkunsidra;

2. Noel Gauci ikkonferma llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal nhar l-24 ta' Gunju, 2015 u tal-lum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li ntqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tmien mija u erbgha u hamsin euro u sitta u sebghin centezmi ta' euro [€854.76c] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' kull ammont dovut mill-intimat, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**